***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA***
***LAQGĦA MILL-BIDU TAL-KUNSILL: NRU 444***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 72***
***Il-Ġimgħa 3, ta' Awwissu 2012 fis-6:30pm.***

*Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6:30pm*

*Preżenti:*

*Dr Monica Vella – Sindku*

*Mr. Hubert Saliba – Kunsillier*

*Mr Teddy Mizzi -- Kunsillier*

*Assenti:*

*Marthese Portelli u Joseph Vella*

-------------------------------------------------------

*Uffiċjali:*

*Ms Sue-Ellen Bugeja – Segretarju Eżekuttiv*

*Intqgħalet it-Talba.*

1. **Minuti 443**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 443 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

2. **Premju Ġieħ iż-Żgħażagħ 2012**

   Il-Kunsill irċieva suġġeriment mingħand Frans Galea biex isir premju ġdid għaż-żgħażagħ li jagħtu kontribut ġewwa x-Xewkija. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u ddeċieda li dan il-premju għandu jingħata fi żmien il-festa ta' Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann. Il-Kunsill ser joħroġ l-applikazzjonijiet u jibgħat ittra lill-għaqdiet kollha tax-Xewkija biex jibgħatu n-nominazzjonijiet tagħhom.

3. **Kumitat Għaqda tan-nar**

   Kien preżenti Felice Vella li mhux parti min din l-għaqda iżda jgħin f dan il-kumitat. Felice Vella talab il-Kunsill jekk hux possibli li l-Kunsill jgħin finanzjarjament lil Għaqda tan-Nar. Peress li dan mhux possibli s-sindku ssuġġerit li l-Għaqda tapplika għal xi fondi mill-Unjoni Ewropeja. Il-Kunsill se jgħin lill-Għaqda tan-Nar billi jsiru l-kuntatti meħtieġa mal-MEUSAC sabiex issir l-

applikazzjoni etc. Is-Sur Vella qabel ma' din il-proposta u se jressaqha lill-kumitat tal-Għaqda tan-Nar.

4. **Restawr fil-Ġnien ta' Blankas**

Il-Kunsill bagħat ittra lill-kuntrattur fejn ġie ordnat jieqaf minnufih mix-xogħol iżda l-Kunsill sa issa għadu ma irċieva xejn minn naħa tal-Kuntrattur.

Is-Sindku u s-Segretarja kellhom laqgħa mas-Sur Robert Naudi, Claire Ciscaldi u Adrian Mifsud rigward dan il-progett li jaqa' taht Mizura 313 fis-27 ta' Lulju ġewwa l-Kunsill il-Munxar fejn ġie diskuss is-sitwazzjoni preżenti tar-Restawr fil-Ġnien ta' Blankas. Is-Sur Naudi informa lis-Sindku u lis-Segretarja li jekk ix-Xogħol tar-Restawr ma jitlestix fi żmien stipulat jintilfu l-fondi. Is-Segretarja ser tibgħat e-mail lid- dipartiment biex tara jekk il-Kunsill jistax jaqa' fuq it-tieni tenderer jew tridx terġa' toħroġ sejħa ta' tender ġdida peress li x-xogħol ma ġiex ċertifikat mill-perit darbtejn.

5. **Ħuġġieġa ta' San Ġwann**

Kien hemm preżenti Frenċ Farrugia u Marjohn Hili li huma fl-Għaqda tal-Armar. Kien hemm qbil li l-ikla għandha issir l-Erbgħa 29 ta' Awwissu meta issir l-Ħuġġieġa. Il-Kunsill qabel ukoll li jkun hemm entertainment minn grupp lokali. Spectrum. Is-Segretarja ser tavża t-TM li l-Pjazza ser tkun magħluqa għat-traffiku. Is-Segretarja għandha tinforma ukoll l-Arċipriet li l-ikla ser issir dakinhar.

6. **Fun Run**

Il-Kunsill ser jorganizza Fun Run it-Tlieta 28 ta' Awwissu għal kbar u għaż-żgħar li titlaq min Triq San Bert ħdejn il-Kappella tal-Ħniena u tispiċċa wara l-Knisja. Domenic Cutajar u Father Trevor ser imexxu din l-attivita' u jispiċċaw b' logħob għat-tfal wara l-Knisja. Ir-rebbieħa ser jingħataw trofej. Il-flus kollha li ser jinġabru mill-parteċipanti ser jmorru għall-Community Chest Fund. Is-Segretarja ser tinforma t-TM li l-pjazza San Ġwann Battista u Triq San Bert ser ikunu magħluqin għat-traffiku. Ser jiġu ordnati l-gwardjani biex jidderiġu t-traffiku.

7. **Wirja tal-Annimali**

Din is-sena din l-attivita' ser issir ġewwa l-Ġnien ta' Blankas il-Ħadd 26 ta' Awwissu. Il-kunsill ser iżid żewġ kategoriji oħra ġodda li huma fniek u għasafar. Ġie deċiż li ghal din l-attivita' jkun hemm bar armat minn għaqda mix-Xewkija. Is-Sindku issuġġeriet li jkun hemm it-tined armati bl-ikel tradizzjonali.

8. **Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

## 9. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

**Mill-Korrispondenza**

i. Il-Ministeru tal-Kompetizzjoni Ġusta, in-Negozju Żgħar u l-Konsumaturi, Dipartiment tal-Propjeta tal-Gvern Direttorat tal-Artijiet bagħat jinforma lill-Kunsill li m'għandux oġġezzjoni dwar il-permess ta' twaħħil ta' bankijiet u madum fi Triq il-Manwala. Is-Segretarja ser tgħaddi kopja ta' din il-Korrespondenza lill-Perit Saliba.

ii. Ittra anomina dwar il-bankina ta' quddiem il-Youth Centre Club**.** Din kienet ittra ndirizzata lill-MEPA. Peress li l-ilment ma jaqax fil-kompetenza tal-Kunsill, il-Kunsill ddecieda li dan għandu jigi indirizzat mill-awtorita koncernata

iii. Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar dwar id-deċiżjoni dwar PA/07491/03 u PA/04299/06 tal-Kus. Is-segretarja ser tgħaddi kopja ta' din il-korrispondenza lill-perit Lino Bianco.

iv. Memo 33/2012 dwar Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi. Is-segretarja se tieħu ħsieb biex jinżamm ir-record skont dan il-memo.

v. Il-Kunsill irċieva Korrespondenza mingħand l-Arċipriet rigward l-ispejjeż tat-Tiġrija tal-Ponies li ser issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li ser iħallas l-ispejjeż tal-insurance tat-tiġrija dirett lill-Kumpanija u l-wardens jiġu ordnati mill-Kunsill.

vi. Ittra mingħand is-Surmast tal-iskola rigward id-dawl ta' ħdejn il-monument ta' Rosa Magro. Il-Kunsill ser jgħaddi l-ilment bil-customer care.

vii. Kors ta' Sage Line 50 li ser issir minn 3a Accountants bil-prezz ta' 50euro kull persuna. Il-Kunsill qabel li s-Segretarja Eżekuttiva u l-Assistant Principal għandhom jattendu dan il-Kors.

viii. Rapport mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali persuni b'diżabilita' dwar Ġnien ta' Blankas. Kopja ta' dan ir-rapport ser jintbagħat lill-Perit Lino Bianco li inkarigat fuq dan il-Proġett.

ix. TM dwar no objection għal 'No entry for heavy vehicle except to render a service and for access' f'parti fi Triq il-Ħamrija.

x. Memo 32/2012 Korsijiet għall-Adulti (lifelong learning). Il-Kunsill applika għal din l-iskema u se joffri diversi korsijiet: Malti bażiku, Ingliż bażiku, Matematika bażika, Malti għall-barranin u Energy Saving Initiatives at home.

## 10. Ilmenti u Suġġerimenti

i. Ilment mingħand John Azzopardi dwar il-Playing Field tal-Ħorob biex jitranġa il-gandotti li hemm ħdejn il-lastiku. Il-Kunsill applika taħt l-iskema maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali biex jiffinanzja l-manutenzjoni tal-Playing fields. Sal-lum għad ma hemm l-ebda risposta mid-Dipartiment dwar din l-iskema.

ii. Suġġeriment anominu biex issir mera fit-Tarf ta' Triq Sant Indrija ma' Triq Chev L. Zammit Haber . Il-Kunsill ser jibgħat lil TM.

iii. Vivienne Cassar biex titranġa rampa ġdida fi Triq San Duminku għax qiegħda perikoluża għat-traffiku. Il-Kunsill se jibgħat il-perit biex jara fuq il-post.

iv. Ilment mingħand Tarċisju Azzopardi li l-platti ta' taħt il-qsari ta' fejn il-ġibjun inkisru. Il-Kunsill qabel li għandhom jintbagħtu l-ħaddiema jaraw x'hemm u fil-kas jinbidlu.

**11. Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa ntemmet fl-10:00 p.m.

Sue-Ellen Bugeja
Segretarju Eżekuttiv

Dr Monica Vella
Sindku